# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 792/00mm**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Penza Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-korporazzjoni attrici fis-16 ta' Gunju 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u seba u sittin centezmu (Lm252.67c) rapprezentanti danni minnha jew minn impjegati taghha, kkagunati f'arblu tad-dawl proprjeta' tal-korporazzjoni attrici u liema ncident sehhew nhar it-18 ta' Gunju 1998 fi Triq Dun Manwel Zammit - Siggiewi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Marzu,2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici, stante illi ma huwiex minnu illi s-socjeta' esponenti hija responsabbli ghad-danni pretizi, u dan kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-'quantum' tad-danni kif ukoll l-imghaxijiet pretizi mill-Korporazzjoni attrici huwa fi kwalunkwe kaz kontestati mis-socjeta' esponenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi ghal habta ta' Gunju 1998 is-socjeta' konvenuta kienet qed taghmel xoghol fi Triq Dun Manwel Zammit is-Siggiewi. Din it-triq hija wahda twila madwar tlett

kwarti ta' kilometru u fiha kien qed isir xoghol ghat-twessieh tat-triq u qtuh tat-trinek.

Is-socjeta' attrici kienet fil-kuntatt mal-*coordinating unit* tal-Public Works liema *unit* kellu jikkoordina d-diversi permessi, applikazzjonijiet u Dipartimenti sabiex ix-xogholijiet ikunu jistghu jsiru bla dewmien. Dawn ix-xogholijiet bdew u parti minnhom kien jinvolvi radam ta' barriera sabiex titwessa t-triq. F'din il-parti kien hemm arblu tad-dawl u skond is-socjeta' konvenuta dan l-arblu kellu jitnehha u assumew illi l- *coordinating unit* tad-dipartiment kien diga avza lil Enemalta sabiex jitnehha dan l-arblu.

Jidher, illi dan l-arblu pero' baqa fil-post u x-xogholijiet waslu vicin tieghu u s-socjeta' konvenuta ghaddiet madwar dan l-arblu biex tkompli ghaddejja bix-xogholijiet. Kien proprju f'dan il-punt fejn iccaqalqu l-fondamenti ta' dan l-arblu illi tmejjel b'mod illi kien perikolanti kemm ghal haddiema tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll ghan-nies li kienu fit-triq. Is-socjeta' konvenuta tghid illi kienet ikkomunikat diversi drabi mal-korporazzjoni attrici sabiex tibghat in-nies halli jnehhu dan l-arblu u a fol 39 esebit fax minnfejn jirrizulta illi l-istess socjeta' qieghdha tezimi ruhha minn kull responsabbilta' ghal dan l-arblu jekk jigrilu xi haga b'dawn ix-xogholijiet. Il-fax fih id-data 18 ta' Gunju 1998. Dina hija d-data li fiha gie danneggjat dan l-arblu u li tieghu l-korporazzjoni attrici qieghdha titlob il-hlas ghad-danni.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju illi huwa kompitu tal-kuntrattur illi jottjeni l-permessi kollha sabiex huwa jkun jista jesegwixxi x-xoghol li jkun ikkuntratta ghalih. Il-*coordinating unit* fi hdan id-dipartiment tax-xogholijiet qieghed hemmhekk biex ighin lill-kuntrattur jottjeni dawn il-permessi kif hemm bzonn. Ir-responsabbilta' pero' li jkollu l-permessi tibqa dejjem tal-kuntrattur u ma jistax jitfahha fuq xi *unit* jew dipartiment iehor.

F'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta bdiet dawn ix-xogholijiet fuq assunzjoni li l-permessi kienu kollha mahruga. Dana ma jidhirx pero' li huwa l-kaz fil-konfront tal-Enemalta fejn kienu sorprizi ghal kollox bir-rapport illi kellhom dwar il-hsara kkagunata f'dan l-arblu. Dan ir-rapport dahal ghand il-Pulizija ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30a.m.) u rrapporta l-istess Joseph Degabriele ta' l-Enemalta. Dan ir-rapport pero' jpoggi l-incident ghal habta tat-tmienja ta' filghodu (8:00a.m.). Dana jikkuntrasta bis-shieh il-hin tal-fax illi s-socjeta' konvenuta baghtet lill-korporazzjoni attrici, liema fax igib il-hin ta' 9:42a.m. Minkejja li f'dan il-fax is-socjeta' konvenuta ma ghamlet l-ebda accenn ghal hsara li kienet diga kkawzat, ma hemmx dubbju li hawnhekk riedet tahbi idejha u tilqa' ghal kull eventwalita' li kien ser jinqala konsegwenza ta' dan l-incident. Meta ntbaghat dak il-fax, l-arblu kien diga milqut u l-hsara diga saret, u peress illi s-socjeta' konvenuta ma ottjenietx il-permessi necessarji minghand l-Enemalta kif kienet obbligata taghmel, allura hi ghandha terfa r-responsabbilta' ta' dan l-ghemil, dana l-ghaliex hu ben saput li xogholijiet bhal dawn huma ta' certa perikolu u min jagixxi di proprio minghajr il-permessi u solverjanzi

necessarji, jista jikkawza hsarat mhux biss lill-apparat izda hsara wkoll lis-sahha tal-bniedem.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju 1996 fl-ismijiet Anthony Ventura noe vs Raymond Galea il-Qorti kienet qalet li kemm is-sid kif ukoll il-kuntrattur kienu responsabbli sabiex jottjenu l-permessi kollha relattivi u jiehdu l-mizuri kollha sabiex jassiguraw li *cables* ta' l-Enemalta ma jigux danneggjati waqt xoghol ta' skavar.

Il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda dritt toqghod fuq l-iskuza tal-*coordinating unit.* Jekk inhuwa minnu illi dina baghtet tavza lill-*area office* b'dawn ix-xogholijiet allura kienet obbligata illi hija tipproduci l-korrispondenza jew prova ohra illi dan il-kuntatt sar. Minn dawn l-atti jirrizulta biss dan il-fax a fol 39 illi ntbaghat wara l-incident fejn allura ma jservi ta' xejn ghal tezi tas-socjeta' konvenuta. Peress illi ma ngabet ebda prova ohra allura ma jistax jinghad illi s-socjeta' konvenuta ghamlet dak kollu necessarju sabiex ma tkunx negligenti u tezimi ruhha mir-responsabbiltajiet ta' dak illi rrizulta.

Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta qal fil-kors tax-xhieda illi dan l-arblu bilfors kellu jitnehha, peress illi kif twessat it-triq gie fin-nofs u ghalhekk kien ser ikun ta' ostakolu ghall-utenti tat-triq. Il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ma jregix. Kellux jinqala jew le, l-permessi kienu dejjem necessarji u kif graw l-affarijiet l-Enemalta kellha tinkorri fi spejjez zejda sabiex taghmel ix-xoghol doppju, l-ewwel tpoggi arblu ma' gemb sabiex ikunu

jistghu jitkomplu x-xogholijiet u mbaghad fl-ahhar jerga jitqieghed arblu fil-post fejn kellu jigi.

Ta' min jinnota illi l-korporazzjoni attrici mhijiex qieghdha titlob il-hlas ta' arblu gdid, imma biss ghax-xoghol illi kien necessarju sabiex jitwahhal dan l-arblu provizorju sakemm kienu qieghdin isiru x-xogholijiet. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din it-talba hija gustifikata u timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-korporazzjoni attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' mitejn u tnax-il lira Maltin u seba u sittin centezmu (Lm212.67) [vide nota a fol 35 tal-process] rapprezentanti danni minnha kkagunati f'arblu tad-dawl proprjeta' tal-korporazzjoni attrici f'incident illi sehh fit-18 ta' Gunju 1998 fi Triq Dun Manwel Zammit - Siggiewi.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg